MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

15 ta' Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulhadd minn dawk li kellhom ikunu preżenti għall-laqgħa kien fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur John Debono li kien għadu ma wasalx.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Approvati.
Is-Sur John Debono daħal f'dan il-mument.

## 24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa sabiex titkellem is-Sinjura Catherine Bugeja li ressqet talba bil-miktub lill-Kunsill sabiex Triq il-Mixtla ssir 'one-way'. Is-Sur Cordina qal ukoll li għandu l-istess talba għal Triq id-Dielja. Ġie suġġerit li jiġi kkonsultat il-Perit u ssir spezzjoni on site. Is-Sur Debono se jattendi għal din il-laqgħa u wara ssir applikazzjoni lill-Transport Malta.

24.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:
L-ammont tal-Fondi għall-UIF preżentament huwa ta' €139,603.19c

24.3.3 Għandu talba għal xiri ta' kits ġodda li jammontaw għall-€576.00 u dana sabiex id-delegazzjoni tirrappreżenta lill-Kunsill fi Franza f'Settembru li ġej. L-ispiża ġiet approvata.

24.3.4 Għandu kwotazzjoni għat-tiswija tas-'solar light' fi Triq l-Għenba mas-'centre strip' li tammonta għall-€354.00. Il-kwotazzjoni ġiet aċċettata.

24.3.5 Jridu jiġu mġedda t-tenders li skadew f'Jannar u dawk li għadhom taħt evalwazzjoni li ħarġu :

It-tenders li se jiġu mġedda għall-perjodu ta' sitt xhur huma:
'Patching Works'
Servizz t'Insurance
Manutenzjoni ta' Tabelli
Servizz ta' Perit
Manutenzjoni ta' Marki tat-Toroq
Manutenzjoni tad-Dwal ta' Toroq

24.3.6 Ġiet korrispondenza fuq sistema li qed tiġi diskussa mal-Enemalta minn Dr. Marc Sant fejn il-Kunsill irid jipproponi triq jew tnejn fejn jistgħu isiru 'underground cabling'. Il-Kunsill qal li in se m'hemmx oġġezzjoni imma ġaladarba jinqalgħu l-bankini l-Kunsill se jkollu jidħol fi spejjeż żejda relatat ma' dan il-qlugħ. Id-diskussjoni tkompli.

24.3.7 Hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma’ Transport Malta fuq ix-xogħolijiet ta’ Triq Santa Katerina. Huma offrew li jsiru b’€ 60,000 imma s-Sur Michael Cohen kellu jara rigward il-fond jekk hemmx biżżejjed flus. Fir-rigward ta’ Triq Victor Vassallo qed jitressqu iktar proposti.

24.3.8 Fir-rigward tal-Ingaġġ ta’ Skrivan/a saret l-‘Interview’ tal-Part II u dan il-wieħed ma ssodisfax il-kriterji kollha u għalhekk ġiet iffissata data għall-‘interviews’ tal-Part III li se jsiru għada fl-3.30 ta’ wara nofsinhar. Kulħadd qabel.

24.3.9 Kellu talba biex jiżdiedu t-tabelli Share the Road fi Triq Victor Vassallo u Triq il-Pitkali.

24.3.10 Ssir bandla fi Gnien il-Kunsill imħabba tifel diżabbli. Kulhadd qabel. Għandha tinġab kwotazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiccekkja fuq l-applikazzjoni għall-‘boundary wall’ sabiex il-Ġnien jiġi ‘contained’.

24.3.11 L-istima sabiex jinksew l-iskips tal-Pjazza bl-injam attaposta għall-barra, hi għolja wisq bl-ewwel stima tammonta għall-€1200 u t-tieni għall-€900 u ma jħossux komdu li jitlob €600 lill-Jalie’s u Saracino’s Café bħalha donazzjoni sabiex dawn isiru. Is-Sinjura Scerri qalet li tippreferi pallets u jistgħu anka jitneħħew minn fejn huma u jsiru fuq il-bankina faċċata imma skond is-Segretarju Eżekuttiv timblokka l-bankina. Is-Sur Cordina ma qabilx għax qal li estetikament mhumiex sbieħ. Is-Sur Spiteri qal ukoll li l-iskips qed ikunu wisq imballati bil-kaxxi tal-frott. Is-Sur Cassar qabel li jassorbu l-ispejjeż huma għax skond l-‘Urban Conservation Area’ iridu jkollhom spazju adattat biex joperaw.

24.3.12 Hemm spiża ta’ €1.31 kull ittra, li jitnaqqsu mill-flus li jidħlu taċ-ċitazzjonijiet, li l-Kunsill irid japprova sabiex jinbagħtu l-ittri bl-avukat lil dawk li ma jkunux ħallsu ċ-ċitazzjonijiet. L-ispiża ġiet approvata.

24.3.13 Waslet id-devoluzzjoni ta’ Ġnien l-Istazzjon mid-Dipartiment tal-Artijiet wara kważi sitt xhur .

24.3.14 Talab l-approvazzjoni sabiex isir ‘patching’ estensiv. Kulħadd qabel.

24.3.15 Sister Margaret, St.Catherine’s Home tablet li meta jsiru t-tlielaq, dawn jitressqu iktar l’fuq sabiex il-viżitaturi jkollhom aċċess. Is-Sur Cordina rrabbja għax qal li din it-tellieqa kien fiha 880 parteċipant u għaldaqstant għall-siegħa u nofs jistgħu jiehdu paċenzja jipparkjaw x’imkien ieħor u jimxu ftit. Kulħadd qabel.

24.3.16 Delegazzjoni minn Franza ġejja Malta bejn is-26 – 30 t’Ottubru 2017.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.4.1 Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- Festival taċ-Ċitru. Għala ġie okkupat il-parkeġġ kollu meta jista’ jsir Park ‘n

Ride u li seta' jkun hemm iktar Gwardjani sabiex jikkontrollaw it-traffiku.
Is-Sur Cordina qal li xeba' jirċievi telefonati anki f'ħinijiet tard u li fuq dan u diversi punti oħra hemm laqgħa fit-3 ta' Marzu 2017. Hu qal li għalissa qed jissospendi l-permessi sakemm issir laqgħa qabel is-26 ta' Frar meta l-Palazz reġa' għandu attivita' oħra.

24.4.2 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq sprall tal-Go plc fi Triq il-Pitkali u talab sabiex isir ftit 'patching'.

24.4.3 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- Ħmieġ fi Triq il-Qarsajja
- L-l'storage' ta' kimika fiż-zona Industrijali ta' Ħ'Attard sabiex nikkonsultaw mal-Health and Safety.
- Triq Birkirkara li mill-Berġa sa Sant'Anton mhix tinkines
- Li hemm żewġ siġar tal-frawli qed imutu fi Triq Sant'Anton. Is-Sinjura Connie Scerri qalet li tal-ELC qalulha li reqdin.

24.4.4 Is-Sur Alex Mangion saqsa fuq 'bike lane' fl-area ta' Ta' Qali. Għandha ssir talba lill-Transport Malta ħabba li l-area ma taqax magħna.

24.4.5 Is-Sur Raymond Azzopardi saqsa fuq it-trejqa ta' 'The Peak'.

## 24.5 Rapporti

24.5.1 Ma kienx hemm rapporti

## 24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Business Plan 2017-2019.*

24.6.1 Approvat.

## 24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Annwali Finanzjarji 2016

24.7.1 Is-Sur Tonio Cuschieri ta' spjega fid-dettal tal-Estimi għal din is-sena skond rapport imħejji apposta (kopja annessa). L-Estimi Annwali Finanzjarji 2016 ġew approvati.

## 24.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

24.8.1 Approvati.

## 24.9 Rizoluzzjonijiet u/jew Mozzjonijiet

24.9.1 Ma kienx hemm riżoluzzjonijiet u/jew mozzjonijiet.

## 24.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Marzu 2017 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Frar 2017.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |